# KUNSILL LOKALI HAL LIJA

TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA

TEL. 21416111 FAX 21416941


**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBGĦA KUNSILL**

**SEDUTA NRU 28 – It-Tlieta 20 ta' Jannar 2015 fil-17.00hrs**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Sindku |
| | Is-Sinjorina Stephanie Cutajar | Viċi Sindku |
| | Dr.Marc Sant | Minority Leader |
| | Is- Sur Massimo Scerri | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NR 27 TAL-LAQGHA TAT-TLIETA 16 TA' DICEMBRU 2014.

1.1 Fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri sekondat mis-Sinjorina Lorraine Farrugia, minuti nr 27 tas-16 ta' Dicembru 2014 gew approvati unanimament.

## 2. BUDGET U APPROVAZZJONI FINANCIAL STATEMENT JANUARY – JULY 2014

2.1 L-Accountant poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill *proposed budget* li huwa forma ta' Cash flow. Hija spjegat li wara li l-allokkazzjoni ghal sena li huwa ta' €238,939, hija firxitu fuq kull xahar, rat l-ispejjes statutorji li huma l-pagi u l-onorarji li dejjem ikkalkolati gross, u l-kuntratti u l-commitments li hemm diga. Rigward it-*tipping fees* li l-Kunsill dejjem irid iħallas €1203 skond l-allokkazzjoni tal-Gvern. L-allokkazzjoni tal-Gvern kienet għada ma daħlitx sal-ġurnata tal-laqgħa.

2.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq il-parti tal-flus li l-Kunsill irid joħroġ fuq Triq Id-Dejqa li hi ta' madwar €7,000. L-Accountant qalet li din is-somma trid tara minn fejn ser tinħareġ għax f'dan il-Budget ma itteħditx *in consideration hospitality expenses*, *office expenses*, il-van u spejjes oħra. S-Segretarju nfurmat li l-perit qed jaħseb li din is-somma taf tiġi inqas minn hekk.

2.3 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa kif l-Onorarja tas-Sindku f'Ġunju kienet iktar għolja. Dan minħabba l-fatt li f'Ġunju u Diċembru jkun hemm l-allowances tal-Kunsilliera wkoll. L-Accountant infurmat lill-Kunsill li hemm €32,381 outstanding balance mis-sena l-oħra u l-Kunsill irid jara kif ser iġib il-flus biex iħallashom. Hija kompliet tgħid li l-*commitment* ta' *patching works* kienet ħaditha *inconsideration* ukoll li jridu jitħallsu din is-sena; cioe' il-*patching works* ta' Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela u ta' dak il-*patching works* li għad irid isir. Is-Segretarju nfurmat li fl-iskeda għal din il-laqgħa hemm il-*part payment* ta' *patching* ta' Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela. Hija kompliet tinforma lill-Kunsill li l-ammont għall-*patching works* li għadu pendenti ser jiżdied peress li issa l-ħofor kibru iktar. Tkellmet fuq il-kera, d-dawl u l-ilma u li għadu *outstanding* minn Ottubru 2014. Kompliet tispjega li ħadet il-kuntratti wieħed wieħed u qasmithom fuq tnax il-xahar.

2.4 L-Accountant kompliet tispjega li jridu ukoll il-performances bonus għas-sena 2014 u l-bonus tal-Gvern li dawn huma madudin mas-salarji.

2.5 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa fuq l-*overtime* li jitħallas lil Pamela meta tidħol is-Sibtijiet. Is-Segretarju reġgħet spjegat li min jidħol is-Sibt ikollu l-*option* jew li jitħallas *overtime* jew jieħu *time off in lieu* u ma jistax *full timer* tħadmu 37 siegħa fost il-ġimgħa u tlett siegħat is-Sibt.

2.6 L-Accountant kompliet tispjega fuq l-ispejjes tal-*handymen* biex jagħmlu manutenzjoni fir-raħal u anke fuq signs tat-toroq li m'hemm xejn ibbaġitjat s'issa fuqhom. Hija kompliet tgħid li hemm il-*commitments* tal-kuntratti u l-pagi li huma kwazi biżżejjed biex ikopru l-*budget* għax kull ma l-Kunsill jista' jonfoq huwa ta' €19,900 fix-xahar biss.

2.7 Li hemm posittiv bħalissa huwa li l-*water bowzer* għalissa ser jiġi ffrankat peress li l-Kunsill iddeċieda li jwaqqaf dan is-servizz.

2.8 Fuq l-ispejjes tal-Mitħna, dawn jerġgħu jidħlu meta l-Mitħna tintuża għal *exhibitions* u l-Kunsill ikun jista daħħal il-flus skond il-*bye law*.

2.9 Is-Segretarju staqsiet fuq l-allokkazzjoni tar-Regjun Ċentru fejn kienu daħlu €4,500. L-Accountant infurmat lill-Kunsill li l-bank kienu ħadu €2,400 minnhom biex jagħmel tajjeb għal bilanċ negattiv li l-Kunsill għandu għall-ammont ta' €5,636. Dan minbarra l-*outstanding invoices* mis-sena l-oħra li għadhom ma tħallsux.

2.10 Is-Segretarju staqsiet għaliex il-Kunsill ma ġiex notifikat li nġibdu dawn il-flus għax suppost dawn il-fondi riedu jintużaw għal proġetti u jiġu ppreżentati l-irċevuti lir-Reġjun. L-Accountant infurmat li dawn iridu jiġu *replaced*. L-Accountant issuġerit li dawn il-fondi jintużaw għal *patching works* imma Dr. Marc Sant qal li dawn kienu ser jintużaw biex jiġi rranġat id-dawra tat-Torri. Id-dawl u l-arloġġ tal-Mitħna u jinbena l-ħajt li l-Kunsill kien iddeċieda li għandu jitella.

2.11 Il-Minority leader, Dr. Marc Sant staqsa fuq kif jitħallas l-Avukat tal-Kunsill. Is-Segretarju nfurmat li l-Avukat kien ippreżenta *retainer* u li hu jitħallas somma fissa dejjem. Din kienet diġa diskussa fil-laqgħat tal-Kunsill u kienet ġiet *forwarded* lill-Kunsill. Dr. Marc Sant qal li hu mingħalih li kellu jitħallas kull siegħa. S-Segretarju nfurmat li huwa kellu r-rata kull siegħa u anke *retainer*. Hija qalet li meta tkellmet ma' l-Avukat kien qal li bejn wieħed u ieħor jiġi l-istess ammont. Is-Segretarju għandha terġgħa tgħaddi r-*retainer letter* lill-Kunsill kollu.

2.12 Dr. Sant qal li biex l-Avukat jitħallas €300 fix-xahar għandna inqabbduh iktar xogħolijiet. Is-Segretarju nfurmat li Dr. Balzan kien issuġerixxa li għandu jkollna laqgħat miegħu regolarment anke darba fix-xahar biex naraw il-każijiet pendenti.

2.13 Rigward il-Perit, il-ħlas huwa differenti. Huwa jitħallas skond il-biċċiet tax-xogħol li jagħmel.

2.14 L-Accountant tkellmet fuq l-*Events* li l-Kunsilll jorganizza u li dawn qed jiswew ħafna flus lill-Kunsill. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet li peress li qed niċċarġjaw l-ammont sħiħ lir-residenti, l-attendenza hija fqira ħafna. Hija staqsiet jekk jistax il-Kunsill jissusidja xi ħaġa minn dawn il-ħarġiet. Is-Sindku nfurmat li minħabba is-sitwazzjoni li qegħdin fiha jew niċċarġjaw l-ammont sħiħ jew ma jsirux attivitajiet għalissa, għandna biżżejjed affarijiet xi rridu nagħmlu u naħsbu fir-raħal.

2.15 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar issuġerit li m'għandhomx jitqassmu flyers fid-djar għalissa imma jitqassmu biss notices A3 fil-ħwienet. Imma bħal ma ġara fil-Festival taċ-Ċitru peress li ma tqassmux flyers fid-djar, ftit nies kienu nfurmati fuqha

2.16 L-Accountant nfurmat l-ammonti jitkellmu weħidhom bl-ispejjes ta' €28,000 li jinkludi l-ispejjes ta' Triq id-Dejqa li l-Kunsill għandu.

2.17 Is-sitwazzjoni qiegħda ħażina għax per eżempju f'Jannar skond il-*commitments* li l-Kunsill għandu jridu jitħallsu €26,000 apparti l-bilanċ li huwa *brought forward* mis-sena l-oħra ta' -€32,000, imma l-Kunsill jista' jonfoq biss €19,000.

2.18 Is-Sindku nfurmat li fil-5 ta' Frar għandna laqgħa mad-Direttur tad-Dipartiment biex niddiskutu din is-sitwazzjoni. Din il-laqgħa ntalbet mill-Kunsill u mhux id-Dipartiment bagħat għalina.

2.19 Is-Segretarju nfurmat li b'dan il-Budget mhux jissemma l-kuntrattur tal-PPP li għandu jieħu madwar €14,000 din is-sena.

2.20 Hawn hekk is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li t-tabelli tal-ħwienet fir-raħal żdiedu u għandu jerġa' jintbagħat Dennis biex idur mar-raħal u jinforma bihom biex nibgħatulhom l-ittra biex iħallsu.

2.21 Is-Sinjorina Stephanie Farrugia esprimit li dan mhux ix-xogħol ta' Dennis.

2.22 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li kull xahar ser ikollna l-bilanċi u jiġi ippreżentat lill-Kunsill.

2.23 Is-Segretarju nfurmat l-Accountant kienet bagħtet l-*Adjustments* ta' l-*Interim Audit* li dawn iridu jiġu approvati mill-Kunsill biex ikunu jistgħu jinbagħtu lil Awdituri flimkien mar-*representation letter*. Din ir-*representation letter* għandha tinbagħat lill-Kunsill peress li hija daqs xejn twila.

2.24 Il-Minority Leader staqsa kemm daħlu mill-permessi s-sena l-oħra u anke mill-LES. L-Accountant infumat li mill-permessi kienu daħlu €2534 sa' Lulju 2014 u €1668 mill-LES sa' Lulju 2014.

2.25 L-Accountant kompliet tgħid li bejn Jannar u Lulju 2014 hemm żbilanċ ta' €54,857 u is-sitwazzjoni tal-*working capital* hija ta' żbilanċ ta' €66,320.

2.26 L-Accountant ikkonkludiet li trid tagħmel xi *amendments* li kien irranġa l-Awditur, jiġu ffirmati u jintbagħtu lura lil Awdituri.

2.27 Hawnhekk Joanna ħarġet mill-Kamra tal-Kunsill.

**3. ARISING**

3.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq 2.2, 2.3 u 2.4 fuq is-siġra tal-għenba u l-ħwat fi Sqaq nr 2 Triq Preziosi. Hija qalet li ż-żewġ residenti għandhom raġun u t-tnejn huma kontra l-liġi. Waħda għax mhux suppost tinżergħa siġra barra fit-triq u l-oħra l-ħwat huma *obstruction* għax dak li jkun ma' jistax jgħaddi bil-*wheelchair*. Il-Kunsill kien qabel li dawn it-tnejn mhux suppost li qegħdin hemm. Kien ġie deċiż li Dennis idur ir-raħal u jara li l-ħwat li huma *obstruction* billi qed ifixklu xi parking jew qegħdin fin-nofs, jinforma lill-Kunsill biex tintbagħat ittra. Is-Segretarju nfurmat li Dennis kien infurmat biex jagħmel din il-biċċa xogħol imma kif ser jiġi deċiz liema ħwat iridu jitneħħew jew le. Is-Sinjorina Stephanie Cutajar issuġġerit li dan mhux ix-xogħol ta' Dennis. Is-Segretarju nfurmat li jintbagħat Dennis biex ma naqilgħux lil Michael u Ronnie minn fuq il-lant tax-xogħol li jkunu qed jagħmlu. Wara li niskopru min għandu l-ħwat li huma *obstruction*, għandha tinbagħat ittra ta' *warning*.

3.2 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa fuq ir-*rusty pole* li huwa kien bagħat biex jitneħħa u irraporta li l-bozza kienet inqagħtet ukoll. Għandu jintbagħat Dennis biex jiċċekkja fuq ir-*rusty poles* kollha li hemm fir-raħal. Rigward il-bozza din diġa ġiet irrapurtata.

3.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq il-*claims* ta' Pantar Road. Is-Segretarju nfurmat li fuq il-*claims* ħadd s'issa ma kellimna u ntbagħtet ittra lill-*Electoral Commissioner* biex Triq Pantar ma tibqax fil-konfini ta' Hal Lija. Ġie deċiż li dawn il-*claims* għandhom jintbagħtu għand l-Avukat biex jagħtina parir.

3.4 Is-Sinjorina Lorraine tkellmet fuq 7.9 u 7.10 tal-minuti fejn konna tkellimna fuq il-kulur tal-*concrete imprint* ta' Triq Id-Dejqa. Hija qalet li kienet iltaqet mal-kuntrattur u minn barra li qaltlu li jrid joqgħod attent, il-kuntrattur ikkonferma li l-kulur tal-*concrete imprint* ser ikun griż.

3.5 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li kien hemm *request* mir-resident li f'parti minn Triq Id-Dejqa li ser issir, huwa għandu dar li issa ġiet f'idejh u jrridu jirranġawha. Huwa talabna biex inwaqqfu xogħolijiet f'dan l-isqaq sakemm jagħmlu dawn ix-xogħolijet. Dan biex ma jagħmlux ħsara. Dawn ix-xogħolijiet għandhom jieħdu disa' xhur biex jitlestew. Hija kompliet tgħid li aħna marbutin bi żmien li huwa sa l-aħħar ta' Marzu biex jitlesta xogħol fi Triq id-Dejqa inkella nitilfu l-fondi. Aħna għednilhu li ser inkellmu lill-Perit biex jagħtina parir. L-isqaq huwa tant dejjaq li ma jistawx jidħlu nġenji kbar. Is-Segretarju nfurmat li hija kienet iltaqet magħhom u skond il-parir tal-perit ix-xogħol fi Triq Id-Dejqa għandu jitkompla imma nitolbu garanzija bankarja lis-Sinjuri Strikland. Hija kompliet tgħid li huma li jridu jagħmlu din il-garanzija. Li jixtiequ huwa li nwaqqfu ix-xogħolijet tagħna u nieħdu permess mingħand il-MEPA peress li huwa l-fondi tal-UIF, biex jagħtuna estensjoni taż-żmien.

3.6 Il-Kunsill qabel li t-triq hija pubbblika u ma nistgħux naffordjaw li nitilfu l-fondi.

3.7 Is-Segretarju kompliet tgħid li meta kienet *on site*, tkellmet mal-kuntrattur u dan informa li peress li dan l-isqaq huwa dejaq ma jidħlux inġenji kbar u jekk jagħmel injam u *cardboard* it-triq tkun *safe*. Is-Segretarju kompliet tinforma li l-perit qal li hija deċizjoni tal-Kunsill x'irid jagħmel. Hija qalet li għandha tinbagħat ittra ufficjali fejn tintalab garanzija ta' €5000 jew kemm jisuġerixxi l-perit, imma fl-istess ħin għandha ssir request lill-MEPA biex nieħdu l-parir tagħhom ukoll u biex naraw jekk inkunux nistgħu nieħdu *extenstion of time*. Għandu jiġi ikkuntatjat l-Avukat Dr.Kris Balzan biex jikteb ittra lil dawn ir-residenti biex tintalab garanzija. Is-Segretarju kompliet tgħid li l-perit qal li mhux fair għar-residenti l-oħra għalkemm jgħixu biss żewġ familji.

3.8 Dawn is-Sinjuri qed jgħidu li l-ittra mingħand il-Kunsill li kienet bl-Ingliż u bil-Malti fuq ix-xogħolijiet ta' Triq id-Dejqa qatt ma irċievewha.

3.9 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet fuq il-*bollards* fil-ġenb tal-Kappella f'tal-Mirakli peress li qegħdin jipparkjaw fuq il-bankina. Għandu jiġi iċċekkjat jekk kienetx intbagħatet *request* lil TM fuq dan il-*bollard.*

3.10 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, reġgħet tkellmet fuq ir-*request* li hija reġgħa kellha fuq in-'No Horns' u hija qalet li dawn għandhom isiru għax huma mportanti. Għandu jiġi ċċekkjat ma' TM ukoll fuq din ir-*request*. Is-Sindku qalet li hija kienet iltaqet mal-Perit Ms. Audrey Testaferrata De Noto ta' TM u staqsietha fuq dawn in-'No Horns' *signs*. Il-Perit qaltilha li għandha ssir *request* ma' TM biex jiġu approvati. Kemm is-Sinjorina Stephanie Cutajar u kemm is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalu li hemm iktar affarijiet importanti x'isiru.

3.11 Is-Sindku qalet li ma nistgħux ma nagħmlu xejn imma l-kumplament tal-Kunsill xorta waħda espremew li hemm *priorities* x'isiru.

3.12 Il-Minoirty Leader Dr. Marc Sant qal li qed isir parking fuq iz-zuntier ħdejn il-*letter box*. Is-Sinjorina Cutajar qalet li kull ħin qed ikun hemm il-parking. Il-Kunsill qabel li għandha terġa titpoġġa l-katina u jkollhom aċċess għaliha minn għandu l-garage biss.

3.13 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet ukoll fuq id-dawl ta' fuq iz-zuntier peress li hemm ħafna dlam. Is-Segretarju spjegat li dan id-dawl ma jistax isir mal-pole li hemm fil-kantuniera ma jistax jitqabbad dawl magħhom. Li jista jsir huwa li jiġu kkuntatjati Mrs. Conti u r-residenta ta' ħdejha biex jagħtuna permess biex inkunu nistgħu ngħaddu l-wire minn mal-ħajt tagħhom u l-*flood lights* ikunu jistgħu jerġgħu jeħlu fejn kienu fuq iz-zuntier.

**4. LAQGĦA TAL-LOKALITA'**

4.1 Item ieħor fuq l-Agenda hija l-Laqgħa tal-Lokalita'. Ġie deċiż li din il-laqgħa ssir nhar l-Erbgħa 4 ta' Marzu 2015 fis 6.00p.m. u għandna nistaqsu lill-*Head Mistress* biex inkunu nistgħu nagħmlu din il-laqgħa fil-foyer ta' l-iskola. Jekk din ma tkunx *available* għandna nistaqsu lill-*University Residence*. Għandhom isiru il-preparamenti għal din il-laqgħa.

4.2 Il-Kunsill staqsa fuq il-kont pendenti li għad għandna mall-*University Residence* fuq ir-*reception* tas-sena l-oħra. s-Segretarju nfurmat li kif ġie deċiż dan il-ħlas jiġi maqsum

## 5. APPRAISAL REPORTS U L-PERFORMANCE REPORTS TAL-ĦADDIEMA

5.1 Is-Segretarju poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill, l-appraisal reports tal-Ħaddiema tal-Kunsill u spjegat kif taħdem is-sistema li fejn jidħlu l-iskrivani dawn jingħataw 3% bil-liġi u 3% oħra jekk jiġu approvati mill-Kunsill u għas-Segretarji Eżekuttivi 5% bil-liġi u 5% l-oħra jekk jiġi approvat mill-Kunsill.

5.2 Il-Kunsilliera raw l-appraisal reports ta' l-iskrivani tal-Kunsill u s-Segretarji Eżekuttivi li jinkludu ukoll lis-Sinjura Jeanette Galea u l-ex Segretarju Eżekuttiv s-Sinjorina Gabriella Agius. Hija nfurmat ukoll li l-performance bonus tas-Segretarji Eżekuttivi jrid jiġi approvat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali wkoll.

5.3 Il-Kunsill approva unanimament li jagħti l-full performance bonus ta' l-iskrivali kollha; s-Sinjura Dorianne Bonnici Bondin, s-Sinjorina Pamela Borg u s-Sinjura Georgette Borg meta kienet Assistent Prinċipal; allura nagħtat 6% u anke s-Sinjura Jeanette Galea, inagħtat 6% filwaqt li l-Performance Bonus tas-Sinjorina Gabriella Agius, ex A/Segretarju Eżekuttiv, ġie approvat bi tlett voti favur u tnejn kontra u ġie approvat 10% minn Jannar sa Lulju 2014.

5.4 Hawnhekk is-Segretarju, s-Sinjura Georgette Borg, ħarget mill-kamra tal-Kunsill biex jiġi diskuss u approvat il-performance bonus tagħha bħala Segretarju Eżekuttiv minn Awissu 2014 sa' Dicembru 2014. Il-Kunsill approva unanimament il-full performance bonus ta' 10% minn Lulju sa Dicembru 2014 tas-Sinjura Borg.

## 6. KOMUNIKAZZJONI MINGĦAND IS-SINDKU

6.1 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq ir-*request* li wasal l-uffiċċju tal-Kunsill fuq il-Coeliac Products Voucher Scheme biex pazjenti tar-raħal ikunu jistgħu jiġbru l-vouchers tagħhom mill-uffiċċju tal-Kunsill biex jixtru dawn il-prodottiminnflok ma dawn jinġabru mill-POYC. Hija qalet li anke kien hemm stqarrijiet mill-Assoċjazzjoni ta' Celiacs li hija ma tixtieqx li dawn il-vouchers jinġabru mill-Kunsilli għax il-pazjienti qed jagħtuhom inqas minn nofs li kienu jingħataw qabel. Hija qalet li l-Kunsill qatt ma ġie kkonsultat dwar din l-iskema u l-anqas biss ġie diskuss fil-laqgħa tal-Kunsill. Kienu ġew bil-vouchers filgħodu imma ma ġewx aċċetati qabel ma tingħata iktar informazzjoni bħal x'ser tinvolvi lill-Kunsill anke bħala ħin u spejjes. Is-Sindku kompliet tgħid li ser nistennew biex il-kwistjoni tissolva anke ma' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali qabel ma naċċettaw dan is-servizz. Il-problema hija li naqsu l-ammont ta' vouchers li ssoltu jingħataw lill-pazienti.

## 7. EU FUNDING

7.1 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, tkellmet dwar il-laqgħa li hi u s-Segretarju kellhom mal- Perit Bezzina u l-assistent tiegħu Clayton fuq l-EU funds li għad iridu joħorgu. Hija staqsiet lill-Perit jekk dawn il-proġetti hux ser ikunu *funded* kompletament mill-EU u mhux il-Kunsill ikollu jittoppja. Dawn ser ikunu kompletament *funded* mill-EU.
Huma taw il-parir li jkunu proġetti sħaħ bħal :
   a. Transfiguration Avenue mit-Torri l-isfel bi dwal il-ġodda. Id-dwal jistgħu jibqgħu dawk diġa eżistenti, kull ma jsir huwa *adaptation*. Il-proġett jinkludi anke funtani . Jekk jirnexxilna u l-Kunsill jaqbel li ssir laqgħa mal-Perit u l-Kunsill kollhu. Anke l-Avenue jkun hemm iktar *setting* ta' *parking* aħjar u anke jsir tibdil fil-bankini u s-siġar u jsiru *planters*. Il-*Minority Leader* Dr. Marc Sant qal li rridu noqghodu attendi li l-bankina trid tiġi taqbel mal-bqija tal-bankina li hemm mit-Torri 'l fuq lejn il-Knisja..
   b. Ċentru Rekreattiv – Proġett li jista jitranġa l-ġnien u anke tista ssir binja tal-Kunsill ġo Ċentru Rekreattiv b'sala li tkun tista' tinkera. Din ta' l-aħħar ma tistax issir waħda għalkemm hemm l-art, jekk mhux abbinata ma' proġett ieħor. Jistgħu jsiru anke servizzi pubblici bhala Labour Office, xi fergha tal-bank zghir u anke xi fergha tal-Posta jew Berga tal-Gvern. Anke għal fatt li dawn is-servizzi ser jispiċċaw minn Ħal Balzan.

Il-Kunsill huwa totalment 'in favour' fuq dawn il-proġetti. Għandu jiġi kkuntatjat il-Perit biex issir laqgħa mal-Kunsill l-ewwel, isiru l-pjanti u tinkiteb ittra lill-Ministru għad-Devoluzzjoni ta' l-art.

7.2 Jekk din tiġi realta l-Kunsill ikun qed jiffranka €700 fix-xahar bħala kera tal-Kunsill.

7.3 Is-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li nkluż fil-proġett jistgħu jsiru wires taħt l-art ta' l-elettriku tal-Go, Melita ecc.

## 8. PROĠETTI KAPITALI

8.1 Il-*Minority Leader* Dr. Marc Sant qal li kien bagħat fl-ufficcju tal-Kunsill *draft copies* tal-proġetti kaptiali u hu ta' l-idea li napplikaw għat tlett proġetti u mhux wieħed biss.

8.2 Huwa tkellem fuq il-proġett ta' Torri Belveder li l-permess mill-MEPA huwa lest. Huwa qal li pprova jitkellem mas-Sur Joe Fenech peress li dan kien lest li jissponsorja l-scaffolding għax xogħolijet. Huwa qal li kienu jistgħu jgħinu b'dan il-mod.

8.3 Dr.Sant tkellem fuq kif melgħa l-formoli u talab : €80,000 għar-restawr u anke *Bank Guarantee*. F'idejna għandna l-kwotazzjoni tal-*Heritage* peress li l-Perit li kien fuq il-proġett ta' qabel peress li s-Sur Claude Busuttil. għadu ma bagħatx kwotazzjoni fuq il-proġett. Fuq dan il-proġett l-ebda perit ma' jista' jidħol ħlief il-Perit Claude Busuttil. Ġie kkuntatjat il-Perit Claude Busuttil biex jibagħat l-istima li huwa kien ipprepara fuq dan il-proġett. Huwa qal li t-Torri jkun jista jinkera.

8.4 Proġett ieħor huwa fuq il-bini ta' l-uffiċċju biex niffrankaw €700 tal-kera kull xahar. Is-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li għal dawn il-proġetti rridu naraw kemm ser indaħħlu. Anke nistgħu niffrankaw mid-dawl b'*alternative energy*. Is-Sindku ssuġerit fuq parir tal-perit li jkun aħjar jekk nibqgħu mal-proġett tat-Torri

8.5 It-tielet proġett huwa t-tisbieħ ta' l-ambjent fi Triq Preziosi. Xi erba' snin ilu konna ħallasna l-perit għal dan il-proġett imma qatt ma sar. Anke t-tisbieħ tal-*village core* u li nsebbħu l-lokalita'. Semmgħa wkoll xi tip ta' Heritage Walk mat-Torri u anke titranġa ż-żona ta' Villa Francia.

8.6 Is-Sindku qalet li l-*Heritage Walk* tista' tidħol ma' l-applikazzjoni tal-Perit fuq proġetti ta' l-EU. Dawn jagħmlu parti minn dawn il-proġetti.

8.7 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet meta kienu ġew ikellmuna tat-*Traffic Consultants* qalu li għandna nippruvaw indaħħlu dan il-proġett għax kienu qalulna li din hija l-unika ħaġa li tista' tigi *funded*.

8.8 Ir-raba' proġett huwa fuq *Green Energy*. Dr. Marc Sant spjega kif xi snin ilu kien gab lill xi had li jahdem f'dan is-settur u mieghu kien dar il-kazin tal-Bocci, tal-Banda, il-kazin tal-football u anki l-ground tal-football. Dan wara kien ta' stima.

8.9 Is-Sindku kompliet issostni li skond ma kien qal il-perit li għal dawk il-fondi biex jitħalsu *panels* ta' *Green Energy* ma nistgħux napplikaw għalihom. Irridu napplikaw biss għal proġetti li ser ikunu qed indaħħlu flus minnhom. Nistgħu biss napplikaw ghat-Torri u ghal-*Heritage Project*. Dr Marc Sant ser jiċċekkja fuq dan.

8.10 Huwa qal li tista' tiġi kkreata l-*Heritage walk* u s-Sindku qalet li din ikkreata diġa. Għandha tintbagħat lill-Kunsilliera. Dwar il-proġetti l-Kunsill qabel li għandna nmexxu. Il-formoli għandhom jintbagħatu mill-aktar fis possibbli lill-Kunsilliera peress li dawn jagħlqu nhar il-Ġimgha 30 ta' Jannar 2015.

## 9. KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

9.1 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, qalet li rridu nmexxu fuq il-*Bye-laws.* Il-*Minoirty Leader* Dr. Marc Sant qal li kien lesta tlett *bye-laws* li dawn għandhom jintbagħtu lill-Kunsilliera biex jaraw xi jridu jżidu u jnaqqsu. Dawn il-*bye laws* huma tan-*Notice Boards* u l-*advert signs*. L-ewwel iridu jiġu diskussi mar-residenti fil-laqgħa tal-lokalita'.

## 10. KOMUNIKAZZJONI MILL-KUNSILLIERA

10.1 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar tkellmet fuq punt fejn l-Uffiċċju għandu joqgħod attent kif jieħu l-leave. Is-Segretarju nfurmat li l-leave jittieħed u jiġi approvat b'responsabbilta u li hi personalment tkun f'kuntatt ma' l-Uffiċċju anke meta ma tkunx hemm.

10.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq il-librerija ta' l-iskola u għandha terġa tintbagħat *reminder* lis-Sur Steve Borg dwar dan. Il-kotba li kienu fil-librerija għadhom ma nstabux. Għandna nerġgħu nikkuntattjaw lil-*University Residence*.
Inbaghtet reminder lis-Sur Steve Borg

10.3 Għandha tintbagħat *reminder* ukoll fuq ir-*request* li kienet intbagħtet lit-TM fuq *surfacing of New Roads*, dawk ta' Depiro Gourgion u Triq Giuseppe Cali.

## 11. RENDIKONT TAL-FESTIVAL TA' ĊITRU

11.1 Is-Sindku poġġiet fuq il-mejda rendikont tal-Festival taċ-Ċitru. Hija qalet li wieħed mir-*raffles* ma ġewx għalih. Irridu nkunu nafu ta' min kien in-numru 49 u nikkuntatjawh.

11.2 B'kollox, mir-*raffles*, anke *donations* tal-laring il-Kunsill daħħal €632.31. Din ma' tinkludix id-donazzjoni ta' Maria Rosa *Winery* ta' €500 ghat-*trackless train* u l-anqas ma tinkludi l-ħlas tas-sala għax din ingħatat lilna b'xejn.

11.3 Is-Sindku kompliet tgħid li €500 jistgħu jmorru bħala donazzjoni għal pitturi ta' Cali' kif dejjem sar u l-oħrajn inħallsu l-mużiċisti. Il-Kunsill mhux ser joħroġ xejn peress li anke għad fadal xi ftit flus mill-Festival taċ-Ċitru ta' qabel. Dan ir-rendikont irid jinbagħat lill-Kunsilliera ukoll. Hija qalet għandna nirringazzjaw lill kull min għen.

## 12. VIP LIST

12.1 Is-Segretarju poġġiet fuq il-mejda *request* biex jerġa jinqata' l-ħaxix li hemm fit-telgħa ta' Senna fi Triq Agostino Portelli f'ta' Senna. Il-Kunsill qabel li għandha tinġieb kwotazzjoni.

12.2 Nibqgħu fuq is-sigar, il-Kunsill wasalu rapport mingħand il-pulizija li kienet waqgħet siġra fuq karozza fi Triq Robert Mifsud Bonnici minn naħa tas-soft area. Din is-siġra waqgħat b'Act of God pero is-siġar il-kbar kollha għandhom jitbaxxew. Ta' l-ELC diġa jafu li jridu jagħmlu dan ix-xogħol.

12.3 Il-Minoirty Leader, Dr. Marc Sant staqsa fuq dak l-arblu li kien daħal fih karozza fi Vjal it-Trasfigurazzjoni. Dan ser jitħallas mill-*Insurance* flimkien mat-twaħħil.

12.4 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li wara li marret *on site inspection* f'Hal Mann, hemm bżonn li jinqata l-ħaxix għax tela ħafna. Inġiebet kwotazzjoni mingħand Salvu Cutajar għal prezz ta' €750.

12.5 Is-Sinjura Catherine Grech tixtieq terġa tagħmel *request* lill-Kunsill rigward *signs* ta' parkeġġ (*park at your own risk*) fi Triq Antonio Azzopardi mal-ħajt tas-sejjieħ li kienu irranġaw. Din kienet diġa ġiet diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill u l-Kunsill ma ddeċidiex fuqha għax mhux ser jieħu r-responsabbilta hu jekk jiġri xi haġa. Il-Kunsill qabel li la tabella tgħid *park at your own risk*, il-Kunsill mhux ser jerfgħa r-responsabbilta. Biex niffrankaw ftit flus il-Kunsill qabel li dawn it-tabelli jsiru pero jsiru mill-Ufficcju. Din il-biċċa xogħol tista ssir mill-ħaddiema tal-Kunsill fuq *plywood* u tinkesa bil-*plastic*.

12.6 Wasal rapport li l-*bollards* li saru quddiem is-sala tal-Mirakli meta jkunu mnizzlin qiegħdin jaqaw in-nies magħhom speċjalment filgħaxija. L-Ufficċju diġa kellem lil Martin is-Sagristan u hu qalilna li hu dejjem itelgħahom pero n-nies li joqgħodu fil-madwar biex jipparkjaw filgħaxija niżluhom. Hu ssuġerixxa li ssir katina. Il-Kunsill qabel ma din il-katina bil-*lock* ma taht.

12.7 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, resqet l-ilment li waħda mill-erba' bollards fi Triq il-Kbira hija miksura. Din għandha titranga.

12.8 Request ieħor huwa biex jitneħħew il-ħwat ta' fuq iz-zuntier iridu jitneħħew b'hi-up. Inġiebet kwotazzjoni mingħand is-Sur Mario Tanti ghal-prezz ta' €50. Il-Kunsill qabel ma din il-kwotazzjoni biex dan ix-xogħol isir u dawn ser jittieħdu fiċ-Ċentru Rekreattiv.

12.9 Il-Kunsill ircieva e-mail mingħand il-MEPA fejn taw il-*go ahead* biex is-sigra tal-ħarruba tinqala minn Sqaq Nru.1 Triq Sant'Andrija u li jekk hu possibli titpoġġa x'imkien ieħor. Għandu jiġi kkuntatjat Joe il-ġardinar biex jara hu fejn hu l-aħjar.

12.10 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Lawrence Fenech rigward tiswija tal-ħajt fi Triq il-Pantar wara li daħlet karozza fih. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li l-ewwel irridu nkunu nafu ta' min hu l-ħajt. Il-Kunsill qabel li għandha tidħol l-*Insurance* anke jekk min kien inxurrjat kien *third party*. Għandu jiġi kkuntatjat is-Sur Lawrence Fenech biex jiġi nfurmat dwar dan.

12.11 Is-Segretarju poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill il-kwotazzjoni l-ġdida bid-*description* tax-xogħolijiet mingħand Camray. Hija kienet diġa għaddietha lill-Kunsilliera. Għal prezz ta' €1080. Hija nfurmat lill-Kunsill li kienet ċemplet lil tal-Camray biex jaċċerta li b'dawn ix-xogħolijiet, il-Kunsill ikun jista jtella l-ilma biex isaqqi bih. Huwa qal li ma kienx jaf il-Kunsill x'jixtieq jagħmel imma dak il-prezz huwa għal dawn ix-xogħolijet. Disa u disgħin fil-mija b'dan ix-xogħol inkunu nistgħu ntellu l-ilma. Il-Kunsill qabel li għandna nġiebu żewġ kwotazzjonijiet oħra. Is-Sindku kompliet tgħid li kieku jirrnexilna dan ix-xogħol inkunu qed niffrankaw €360 fix-xahar.

12.12 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li wara li kienet intbagħtet l-ittra lir-residenti ta' Triq Preziosi u Triq Merino fuq il-bankina, s'issa l-*feedback* kien fin-negattiv. Ir-Residenti għalkemm jaraw l-kwistjoniet ta' *safety* jaraw il-problema kbira ta' parkeġġ. Trid tgħaddi ġimgħa minn mindu tkun intbagħtet l-ittra biex tittieħed deċizjoni.

12.13 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li l-recorder kien mar bil-ħsara filgħodu allura kellha tixtri wieħed malajr dakinhar filgħodu minħabba l-laqgħa li kellha ssir filgħaxija. Peress li dan ma kienx għadda mill-laqgħa tal-Kunsill, is-Segretarju riedet tħallas dan ir-*recorder* minn flusha. Il-Kunsill iddecieda li dan għandu jitħallas mill-Kunsill

## 13. LAQGĦA TAL-KUNSILL

13.1 Peress li l-Sur Massimo Scerri kien ser iħalli l-kamra tal-Kunsill ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 25 ta' Frar 2015 fil-5.00p.m. Il-ħin li s-Sur Scerri telaq kien is- 7.30pm.

## 14. KONTINWAZZJONI TA'VIP LIST

14.1 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li l-van tal-Kunsill kien ser ikun lest il-Ħamis 23 ta' Jannar 2015 u l-*mechanic* għandu jiġi nfurmat biex itelgħa l-van hu għal *VRT*.

14.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq ir-rotta tal-karozza tal-linja minn naħa tal-Mirakli f'hiex waslet. Għandu jiġi iċċekkjat dan

14.3 Hija staqsiet fuq il-mera ta' Triq Merino u l-*bollard* ta' Triq il-Mitħna. Is-Segretarju nfurmat li hemm iktar minn mera waħda biex jiġu ordnati pero din kellna nordnawha. Għandna niċċekkjaw dwar dan. Rigward il-*bollard*, din kienet ordnata mingħand il-Koptasin.

14.4 Is-Sinjorina Lorraine kompliet tgħid li kienet iltaqgħet ma' *delivery van* fi Triq id-Dejqa ħdejn id-*doggy bin* fejn ma hemmx *sign* li tindika li hemm Triq Id-Dejqa. Hija kompliet tgħid li tista ssir ordni għal *street name* ħdejn id-*doggy bin* fi Triq id-Dejqa.

14.5 Hija staqsiet jekk il-GreenPak hux ser iqassmu l-kalendarju tal-ġbir tal-borża l-ħadra. Għandu jiġi kkuntatjat il-GreenPak biex jiġi kkonfermat dan.

14.6 Il-*Minority Leader*, Dr Marc Sant staqsa jekk kienux tnaddfu l-*Water Culverts*. Is-Segretarju nfurmat li għalkemm kien hemm it-*tender*, dawn kienu tnaddfu mill-ħaddiema tal-Kunsill. Huwa qal li hemm *water culvert* ħdejn l-iskola biex naraw jekk il-ħaddiema jistgħux inaddfuh

14.7 Hemm *culvert* fi Triq id-Dejqa li qiegħed l-isfel mid-*doggy bin* bejn il-ġnien tas-sorijiet u l-bieb tar-remissa.

14.8 Fejn is-Salvtur il-qadim hemm sprall qadim wkoll biex jitnaddaf. Dawn ix-xogħolijiet jistgħu jagħmluhom il-ħaddiema tal-Kunsill.

14.9 Il-*Minority Leader* Dr.Marc Sant staqsa jekk il-*warning letter* lill-Waste Collection kienetx intbagħtet. Is-Segretarju nfurmat li din l-ittra kienet intbagħtet reġistrata mill-Avukat Dr. Balzan. Dr Marc Sant staqsa jekk kienx hemm xi f*eedback* dwar il-23 ta' Diċembru 2014 li ż-żibel kien inġabar tard filgħaxija. s-Segretarju nfurmat li l-Waste Collection kienu kkuntatjati fuq dan l-ilment imma l-*feedback* kien li kien inbidel id-*driver*. Issa reġgħa rritorna Gilbert id-*driver* li kellu qabel. Huwa staqsa kif għal din il-ġurnata ma kienux ittieħdu passi u ħallejna kollox għaddej? Is-Sindku qalet li issa ntbagħtitlu l-*warning notice*. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li fejn is-Salvatur il-Qadim għandu jitnaddaf sewwa u f'Hal Mann hdejn 5B hemm skip li huwa imfawwar. Għandu jigi kkuntatjat il-Waste Collection fuq dawn l-ilmenti.

## 15. APPROVAZZJONI TA' L-ISKEDA TAL-PAGAMENT

15.1 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant tkellem fuq pagament nr 26 fuq ix-xogħolijiet li kienu saru mill-Ells LTD ta' patching fi Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela. Dan huwa *part payment*. Dr.Sant staqsa fuq jekk ikkonfermaniex fuq dawn ix-xogħolijiet. Is-Segretarju nfurmat li fl-aħħar laqgħa kien ġie deċiż li dan il-kont jitħallas biċċa biċċa u xogħol kien intalab biex isir mill-Kunsill u l-Perit kien mar ikejjel wara. Hija nfurmat lill-Kunsill li kienet tkellmet mal-Perit għaliex kien mar ikejjel wara li sar ix-xogħol u mhux qabel u kif seta ikejjel il-fond. Il-Perit wieġeb li l-fond dejjem ikun *standard*. Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qalet li hija kienet qed tirreferi għal kif inqatet id-dawra jiġifieri l-volum, kif seta jkun jaf il-Perit? Is-Segretarju

kompliet tgħid li lill-Perit staqsietu ukoll għaliex ma jkejjilx qabel ma jsiru x-xogħolijiet. Huwa qal li kienu x-xogħolijiet isiru ftit wara li jkejjel imur ikejjel qabel imma peress li l-Kunsill idum biex jiddeċidi biex isiru x-xogħolijiet, il-kwotazzjoni li tkun, ta' ma treġix peress li bħala ħofor speċjalment wara li tagħmel ix-xita jikbru.

15.2 Il-Kunsill sostna li qatt ma kien jaf kemm ser jiġu dawn ix-xogħolijiet. Is-Segretarju qablet li qatt mhux ser isir xogħol jekk mhux bil-kwotazzjonijiet.

15.3 Is-Sinjorina Lorraine Farruiga wkoll ma taqbilx fuq pagament nr 26 għax il-Kunsilll ma kellux din l-informazzjoni qabel.

15.4 Il-*Minoirty Leader* Dr. Marc Sant ma jaqbilx ma' pagement nr 15 u 38 tal-bowzer ta' l-ilma mingħand il-Waste Collection , Nru.39 l-aħħar pagament ta' Chris Pullicino fejn is-Sindku qalet li issa mhux ser jiġi mqabbad iktar.

15.5 Il-*Minoirty Leader* staqsa għaliex il-pagmenti 17 u 36 ta' *sweeping* li għax-xahar ta' Novembru kien mod u għax xahar ta' Diċembru kien €2913 mod ieħor. Anke pagement nr 16 u 37. għandu jiġi ċċekkjat għaliex hemm din id-diskrepanza fil-kontijiet mal-Waste Collection.

15.6 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq pagament nr 49 lir-Regjun Ċentru. Din kienet ċitazzjoni ta' *overspeeding* fuq il-van tal-Kunsill.

15.7 Il-Kunsill qabel li min isuq il-van irid joqgħod attent u jkun responsabbli. Din id-darba titħallas imma darba ohra ma tithallas. Kien hemm anke d-data ta' tribunal imma hadd ma deher għar-raġuni li qatt ma waslet l-Kunsill Lokali għalhekk ma kienetx għandhom.

15.8 Il-*Minority Leader* staqsa fuq pagament nr 1 mingħand Falzon Service Station. Is-Segretarju nfurmat li jkollna cits mingħand Falzon Service Station.

15.9 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qalet ukoll li jrid ikun hemm iktar solveljanza fuq *sweeping*. Dennis għandu jissorvelja l-*sweeping*.

15.10 Is-Segretarju nfurmat li l-ebda cheque ma jista jinħareg peress li l-allokkazzjoni għadda ma daħlietx il-bank.

15.11 Is-Segretarju nfurmat li hemm kont il-BOV li qieghed bil-minus ukoll.

15.12 Fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi sekondata mis-Sinjoirina Stephanie Cutajar, il-pagamenti ġew approvati.

**16. TMIEM**

Is-Seduta intemmet fl-20.15 hrs b'mod unanimnu.

Magda Magri Naudi — Sindku

Georgette Borg — Segretarju Eżekuttiv